# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru, 2001.**

**Numru 1**

**Rikors numru 303/90 FD**

**Nazzareno Galea u b'digriet tal-20 ta' Dicembru 1998 l-Atti gew trasfuzi f'isem Paul Galea, Margaret Galea, Rose Galea, Saviour Galea, Carmel Galea, M'Louise Bugeja, Isabell Galea, Wilfred Musu u Paul Musu stante l-mewt ta' Nazzareno Galea fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**Giuseppe Briffa u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 1990 l-Onor. Prim'Ministru u d-Direttur tal-Akkomodazzjoni socjali gew kjamati fil-kawza.**

**Il-Qorti;**

**<u>IR-RIFERENZA</u>**

Din id-decizjoni hija fir-rigward ta' riferenza maghmula lil din il-Qorti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 1989 fil-kawza fl-ismijiet premessi li permezz taghha wara li dik il-Qorti kkonsidrat l-aggravji

sollevati mill-appellant li "l-Att XXIII/1979 in kwantu jolqot il-posizzjoni tieghu kien null u jmur kontra dak li hemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta" baghtet il-kwistjoni quddiem din il-Qorti biex tigi minnha definita. Dik ir-riferenza giet deciza b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali tat-28 ta' Ottubru 1994, u din il-Qorti ser tikkonsidra issa finalment l-appell li ghamel l-attur Nazzareno Galea minn dik is-sentenza. Ghandu ghall-korrettezza jigi precizat illi dawn il-proceduri damu snin pendenti biex, fuq talba tal-partijiet, isir trattazzjoni skritta. Trattazzjoni li pero' baqghet ma saritx.

**PREMESSI GHAR-RIFERENZA**

L-ewwel Qorti hekk irrintraccjat l-iter processwali li wassal sar-riferenza taht ezami u dana permezz ta' citazzjonijijiet estensivi mill-atti li bihom ikkristalizzat il-posizzjoni tal-kontendenti fir-rigward tal-punti tad-dritt u fatt in kontestazzjoni :-

> "Ikkunsidrat li l-appellat kien issottometta illi "l-imsemmi att jelledi d-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti fl-Artikolu 37 u 47 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, infatti d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u cioe' li l-appellant kellu titolu validu li jkompli jokkupa l-fond 'de quo' wara li kienskada l-perjodu ta' koncessjoni originali, gie mehud lilu l-pussess tal-fond in kwistjoni ; l-appellant qieghed isostni wkoll li l-kumpens li l-istess Att ipprovda ghat-tehid tal-pussess tal-proprjeta' 'de quo', ma kienx adegwat u bl-ebda mod ma kien jirrifletti l-valur fis-suq ta' l-istess proprjeta'. L-istess appellant ghalhekk talab lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tirrimetti din il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex din tkun tista tipprovdi lilu r-rimedju opportun.
>
> Illi l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkunsidrat illi l-fond 18, Old Mint Street, Valletta, originarjament kien gie moghti b'cens ghal

sbatax-il sena lil Joseph La Rosa de Cristofaro b'kuntratt ippublikat minn Nutar Joseph Cachia fid-dsatax ta' Novembru 1962. L-imsemmi Joseph La Rosa de Cristofaro b'kuntratt iehor tas-6 ta' Gunju 1979, biegh lill-konvenut appellat l-utili dominju temporanju ghaz-zmien li kien fadal mill-koncessjoni originali.

Il-perjodu tal-koncessjoni originali kien jiskadi fid-dsatax ta' Dicembru 1979. Issa fit-tmienja ta' Awissu 1979 gie mghoddi lill-kamra tad-Deputati l-Att XXIII fuq imsemmi biex ikompli jemenda l-ordinanza tan-1959 li tnehhi l-kontroll tad-djar. B'dan il-Att, wara l-Artikolu 10 tal-ligi principali gew mizjuda l-Artikoli 10(a), 10(b) u 10(c).

L-ewwel Onorabbli Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut f'gheluq ic-cens kellu d-dritt ikompli jokkupa l-fond 'de quo' b'kera in forza tal-Artikolu 106 ta' l-Ordinanza tad-Djar 1959 kif emednat bl-Att XXIII tan-1979 u dan billi kien cittadin Malti, enfitweta tad-dar in kwistjoni u kien qieghed jokkupha bhala residenza ordinarja tieghu fil-gurnata li ghalaq ic-cens. Fuq din il-bazi l-istess Qorti kienet cahdet it-talba ta' l-attur ghal zgumbrament tal-konvenut. Jidher li l-attur appellat irid jikkontesta l-validita' ta' l-Att XXIII tan-1979 li bih giet emendata l-Ordinanza tan1959. Skond l-appellant, fl-gheluq tal-koncessjoni enfitewtika originali huwa kellu d-dritt jiehu lura l-pussess tal-fond in kwistjoni minghand il-konvenut. B'hekk huwa kien ikun liberu li jaghmel bl-istess fond dawk li jrid. F'dan il-kaz huwa seta' jezercita' d-drittijiet tieghu fuq il-post bl-aktar mod ampju li taghtih il-ligi bhala proprjetarju assoluta. Bl-emenda li saret ghal-ligi principali, permezz ta' Att XXIII tas-sena 1979 dawn id-drittijiet tieghu gew mehuda. iNfatti huwa jsostni li l-istess Att imponilu li kellu jibqa' jzomm lill-konvenut bhala inkwilin tieghu b'kera u bil-kondizzjonijiet kif hemm stabbiliti bl-istess Att.

L-appellant isostni li minhabba dak li ntqal aktar 'l fuq, gew lezi d-drittijiet tieghu fondamentali kif salvagwardanti fl-Artikolu 37 u 47(9) tal-Kostitizzjoni ta' Malta. Illi skond l-Artikolu 46(3) ta' l-istess Kostituzzjoni jekk il-procedura f'xi Qorti li ma tkunx Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Artikoli 33 sal-45, dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma jkunx semplicement frivolu u vessatorju. Issa din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-kwistjoni ma jkunx semplicement frivolu u vessatorju. Issa din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa il-kwistjoni mqanqla mill-appellant ma tarax li din hija xi wahda frivola jew vessatorja.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Gunju 1990 li permezz tieghu d-difensur ta' l-appellant, wara li rrileva li ghalkemm ir-riferenza saret fil-kawza "Galea vs Briffa" din kienet tirriferi ghal-validita' tal-ligi relativa u anke ghall-agir tas-Segretarju tad-djar li llum huwa maghruf bhala d-Direttur tal-Akkommodazzjoni socjali, u talab li jigi mdahhal fil-kawza l-istess Direttur u l-Onorevoli Prim'Ministru.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Dicembru 1990 li permezz tieghu giet milqugha din it-talba.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-imsemmija kjamati fil-kawza li fihom inizjalment eccepew li lanqas bl-aktar mod remot ma setghu t-talbiet attrici jigu diretti kontra taghhom, peress li hadd minnhom ma kellu l-fakolta' li jizgombra lill-konvenut Briffa, liema kundanna ghall-izgumbrament setghet tinghata biss mill-Qorti minghajr il-presenza tal-eccipjent, u li l-kawzali tac-citazzjoni kienu ben regolati bl-Att XXIII tan-1979 illum Kap. 185 tal-Ligijiet ta' Malta li l-operat u l-validita' tieghu ma kienitx qed jigi kkontestata.

Rat li wara li saru d-debiti notifiki ta' l-Atti kollha rilevanti huma eccepew sussegwentment illi,

1. Preliminarjament, illi l-esponenti umilment jissottomettu illi fid-dawl tal-fattispecie u cirkostanzi attinenti ghall-kaz odjern, l-applikazzjoni tal-ligi li ghandha tirregola s-sitwazzjoni odjern huwa l-Att dwar id-Djar (Kap. 125) tal-Ligijiet ta' Malta), u mhux l-Ordinanza li tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158), u dan stante li l-post in kwistjoni huwa milqut b'Ordni ta' Rekwizizzjoni, u, konsegwentement, ir-relazzjoni guridika unika hija wahda bejn l-attur Galea u l-esponent Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-Kapitlu 158 tal-Ligijiet ta' Malta b'ebda mod ma zied max-xorta ta' proprjeta' li seta' jittiehed pussess taghha qabel it-3 ta' Marzu 1962, jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjeta' li jistghu jigu miksuba.

3. Illi jigi rilevat li skond l-artikolu 37(4) tal-Kostituzzjoni, wara li hemm enuncjat id-dritt ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens, jinghad li ebda haga f'dak l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi ghat-tehid ta' pussess obbligatarju fl-interess pubbliku ta' xi proprjeta' jew l-akkwist obbligatarju fl-interess pubbliku u ta' xi interess fi jew dritt fuq proprjeta'. L-emendi introdotti bl-Att XXIII tal-1979 ghall-Ordinanza li tnehhi l-Kontroll tad-Djar, kienu effettivament intizi bhala mizura ta' pussess obbligatorju fl-interess pubbliku, b'kumpens adegwat ghal dik il-mizura favur is-sidien pussessati.

4. Illi ghalkemm l-artikoli relattivi tal-Konvenzjoni Ewropeja mhux qed issir riferenza ghalihom, analizi profonda taghhom u paragun mal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni taghna jwasslu ghall-konkluzjoni illi l-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta jirrispecchia ferm, fit-totalita' tieghu, il-koncett tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tal-individwu kif enuncjat, interpretat u zviluppat ultimament mill-Kummissjoni u Qorti Ewropeja.

5. Apparti analizi approfondita kwantu jirrigwarda l-lanzjanzi u pretensjonijiet tal-attur Galea ghall-fini tal-kumpens, jigi preliminarjament rilevat illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ma jistabilixxix espressament id-dritt ghal kumpens, izda hemm accenn indirettament ghalih fil-provizo relativ li jiddisponi :

"…… Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali."

Il-kundizzjonijiet provduti bil-ligi fil-kaz odjern huma dawk stabiliti bil-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta kif soggetti ghal dawk it-tip ta' emendi li talvolta jistghu jsiru minn Kummissjoni imwaqqfa apposta biex tirrevedi l-ligijiet tal-kera.

6. Proviso iehor fl-artikolu in kwistjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja, wara li jenuncja d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tal-individwu jistabilixxi :

"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom <u>b'ebda mod</u> inaqqsu d-dritt ta' stat li jinforza dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali ……"

7. Illi f'dan il-proviso kull stat ghandu latitudni enormi fil-konsiderazzjoni ta' x'inhu "xieraq" jew x'inhu l-interess generali ta' dik is-socjeta' partikolari, u, f'kaz ta' dubju, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ghandha dejjem issir favur dak l-Istat. Dan japplika ghal Malta wkoll. Wiehed irid japprezza u jzomm quddiem ghajnejh il-fatt illi l-Kapitolu 158 u l-Att dwar id-Djar tal-1949 kellhom u ghad ghandhom l-ghan li jipprovdu fl-interess pubbliku, akkomodazzjoni xierqa u adegwata lis-socjeta', u l-fatt illi erbghin sena wara, dawk l-Atti ghandhom jissussistu fihom infushom hija prova (jekk kemm-il darba hemm bzonn ta' prova) li l-interess pubbliku prevalentement ghadu hemm in vista tan-numru kbir ta' nes (li kull ma jmorru qed ikompli jikber) li huma nieqsa minn akkomodazzjoni xierqa u adegwata.

8. Inoltre, illi skond l-ahhar decizjoni tal-Qorti Ewropeja in materia, ammont ta' kumpens, zghir kemm hu zghir, ghall-

> privazzjoni permanenti (mentri rekwizizzjoni u allokazzjoni ta' fond taht il-Housing Act huma essenzjalment mizuri temporanji) tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti ta' l-individwu, purche' dak l-ammont ikun stabilit b'ligi u "pursuing a purpose of general interest which was not manifestly without foundation", huwa gustifikat u legalment accettwat bl-istess proviso tal-artikolu in kwistjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja (MELLACHER and others vs Austria, 19/12/1989).
>
> Effettivament, dik id-decizjoni kkonfermat l-orjentament in materia mibdi mill-Kummissjoni Ewropeja fil-kaz ta' Bramelid and Malmstrom vs Sweden (12/10/1982), u mill-istess Qorti Ewropeja fil-kazijiet ta' U>K> Nationalisation Cases, Lithgrow and Others (8/7/1986) u J.N.C. James and others vs U.K. (21/12/1986) fejn gie konstatat ebda lezjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol."

## DECIDE

B'sentenza tat-28 ta' Ottubru 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet ir-riferenza, billi wara li ezaminat it-termini taghha kif lilha sottomessi mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permess tad-decizjoni tal-15 ta' Novembru 1989, iddikjarat li ma kienx hemm lezjoni tad-drittijiet ta' l-attur kif salvagwardati fl-artikoli 37 u 47 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Minhabba c-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti ddecidiet li l-ispejjez ta' dik ir-riferenza ghandhom ikunu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti Nazzareno Galea u Giuseppe Briffa. L-ewwel Qorti ordnat illi l-process jigi rimess lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghall-kontinwazzjoni.

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Illi din il-Qorti ghandha tezamina r-riferenza li saritilha mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-terminu tal-kontenut ta' l-imsemmija decizjoni ta' l-istess Qorti, jigifieri jekk minhabba l-effetti tal-emendi introdotti bl-Att XXIII tal-1979 ghall-Ordinanza tal-1959 li tnehhi l-Kontroll tad-Djar, gewx lezi d-drittijiet fondamentali tal-appellant kif salvagwardanti bl-Artikolu 37 u 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-imsemmija emendi, jikkonsidraw, inter alia, enfitewta li jkun akkwista fond qabel id-data relativa cioe' il-20 ta' Gunju 1979, b'titolu ta' cens ghall-perjodu li ma jeccedix it-tletin sena u jkun cittadin Malti u fl-istess data jkun jirrisjedi fil-fond in kwistjoni.

Illi skond dawn l-emendi huwa jkollu d-dritt ikompli jokkupa dan il-fond b'titolu ta' kera minghand id-"directus dominus" pero' l-kera ma jibqax daqs ic-cens li jkun imhallas fil-mument meta skada il-perjodu enfitewtika, imma jigi awmentat (pero' qatt ma jista' jigi aktar mid-doppju) skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja ; inoltre jkun hemm revizjoni simili kull hmistax-il sena.

Illi l-attur kien f'Dicembru tan-1962 ikkonceda l-fond de quo in enfitewsi ghall-perjodu ta' sbatax-il sena u ghalhekk din il-koncessjoni kellha tiskadi fis-17 ta' Dicembru 1979.

Illi fl-intervall, cioe' 1974, il-post kien gie rekwizzjonijat (R07330) u fin-1977 il-konvenut Briffa permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Gunju 1977 akkwista r-rimanenti perjodu tas-subenfitewsi msemmija.

Illi in forza tal-emendi tan-1979, il-konvenut ikkontenda li kellu d-dritt ikompli jokkupa l-fond, din id-darba b'titolu ta' kera, minghand l-istess "dirictus dominus", waqt li l-attur ipprezenta citazzjoni fejn talab zgumbrament tal-konvenut peress li ma kellux titolu validu.

Illi fl-istadju ta' l-Appell saret ir-riferenza odjerna biex dina l-Qorti tiddeciedi jekk dawn l-imsemmija emendi ntrodotti fl-1979 imorrux kontra d-drittijiet imharsa bl-Artikolu 37 u 47 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprojbixxi t-tehid obbligatorju tal-pussess u l-interess tal-proprjeta', ammenoche ma jkunx hemm kumpens xieraq u l-proprjetarju li jkollu d-dritt ghal dan il-kumpens ikun jista' jkollu access ghall-Qorti (suggett anke ghar-revizjoni mill-Qorti ta' l-Appell) biex jigi stabbilit l-interess tieghu u assigurat hlas tal-kumpens xieraq.

Illi s-sustanza ta' l-imsemmi Artikolu 37 tixbah hafna lill-Artikolu 1 tal-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja li ghalih saret ampja riferenza fit-trattazzjoni ta' din ir-riferenza, in vista ta' l-Att XXX tan-1987 ; nonostante l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju 1994, il-gurisprudenza estensiva mressqa, kienet tirrigwarda proprju dan l-Artikolu tal-Konvenzjoni.

Illi dan l-Artikolu importanti jiggarantixxi d-dritt fondamentali fuq il-proprjeta' "every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possession. No one shall be deprived of his possession except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of International Law".

Illi fil-konsiderazzjoni ta' dan l-Artikolu hemm tlett regoli li jrigu jigu ezaminati ; "the Court analysed Article 1 as comprising three distinct rules, the first rule, set out in the first sentenza of the first paragraph is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property, the second rule, contained in the second sentence of the firt paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions ; the third rule stated in the second paragraph recognises that the contracted states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest", (vide kawzi Marckx, Sporrong and Lonnoth u l-kaz ta' James and others).

Illi l-ewwel regola hi ta' natura generali u trid tigi ezaminata fid-dawl tar-regoli l-ohra li fuqhom hija tiddependi ; hi element l-izjed importanti fl-analizi u l-problema dwar it-tehid tal-proprjeta' b'mod obbligatorju, bhal ma nsibu fil-kaz odjern, dan it-tehid irid ikun sar "fl-interess pubbliku" dan huwa suggett li ilu jigi diskuss energikament f'kull qasam u sede ghax hemm min irid jestendi l-interpretazzjoni tieghu u hemm min ihoss li ghandha tigi ristretta ; meta wiehed jikkonsidra t-tbatija li jsofru certu cittadini proprjetarji milquta b'decizjonijiet simili, malajr jifhem ghaliex huwa suggett dibattut b'tant energija.

Illi f'dan il-kaz l-attur Galea ssottometta illi l-effetti ta' emendi 1979 jfissru li l-proprjeta' tieghu qed tittiehed b'mod obbligatorju peress illi, qabel huwa kien ser ikollu d-dritt (ma l-iskadenza tal-perjodu ta' l-enfitewi temporanju) li jerga' jiehu l-pussess tal-fond in kwistjoni u jkun jista' jottjeni ghalih il-prezz jew l-introjtu xieraq, waqt li minhabba l-emendi prodotti huwa kien ser igib prezz jew kera ferm anqas minn dak tas-suq – jigifieri ma kienx qed jinghata "kumpens xieraq".

Illi l-interpretazzjoni li dejjem inghatat mill-Qorti Ewropej, anke jekk bosta huma dawk li jifhmuha mod iehor, kienet dejjem favur

li tikkoncedi lill-gvernijiet ammont kbir ta' diskrezzjoni – vasta ghalkemm mhux proprju assolut. Waqt it-trattazzjoni d-difensuri ghamlu riferenza ghad-diversi kazi li jixbhu lil dik quddiem il-Qorti, u whud minnhom jinsabu wkoll annessi f'dan il-process.

Illi sejra ssir riferenza ghal kaz ta' James u ohrajn kontra l-Gvern Ingliz, peress illi dan segwa legislazzjoni pjuttost extrema li biha "Lease holder" mhux talli seta' jbqa' jokkupa l-fond (the lease holder will have the right to retain his home after the lease expires) imma inghata sahansitra d-dritt li jakkwista l-proprjeta' innifisha u dan bi prezz konsiderevolment baxx, "based non on present market value" – Nonstante dan il-pregudizzju qawwi li seta' jbati l-proprjetarju u l-eventwali vatagg kbir li kien ser jinghata lil xi individwu partikolari cioe' lil dawk li inzertaw kienu "lease holders" tal-proprjeta' milquta, il-Qorti Ewropeja ikkonkludiet "the taking of property effected in persuance of legitimate social economic or other policies may be in the public interest, even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".

Illi skond l-istess gurisprudenza, l-awtoritajiet legislativi inghataw "margin of appreciation" wiesgha dwar jekk legislazzjoni partikolari tkunx jew le fl-interess pubbliku ; gie ritenut li "the decision to enact a law expropriating property will commonly involve consideration of political economic and social issues on which opinions within a democratic society may reasonably defer widely. The Court finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policy, should be a wide one, will respect the legislature's judgement as to what is" in the public interest" unless that judgement be manifestlu without reasonable foundation".

Illi ma hemmx dubbju li anke jekk forsi ftit imgebbda fiz-zmien, legislazzjoni simili li thares dejjem izjed id-drittijiet li min ikun qed jabita f'dar proprjeta' ta' haddiehor, gewwa Malta, fejn il-gvernijiet dejjem jibnu aktar djar ta' abitazzjoni ma tistax tigi klassifikata bhala "manifestly without reasonable foundation".

Illi fl-ezami tal-ligijiet simili, il-Qorti trid tikkunsidra wkoll jekk hemmx proporzjoni ragonevoli bejn l-iskop li jkun irid jintlahaq u l-mod u d-disposizzjonijiet adottati biex jintlahaq dan l-iskop – irid ikun hemm "fair balace between demands of the general interest of the community and the requirement of the protection of the individual fundamental rights".

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz quddiem il-Qorti fid-dawl tal-emendi li gew introdotti, jidher li mhux qed ikun hemm trasferiment ta'

proprjeta' imma estensjoni ta' tgawdija da parti tac-censwalistaa ; hemm pero' provvediment li l-kera jizdied u jista' jigi rduppjat kull hmistax-il sena ; jigi wkoll rilevat illi disposizzjoni simili dwar l-awment, ma jgawdux minnhom il-proprjetarji tal-bicca l-kbira tad-djar ta' abitazzjoni f'pajjizna, ghalkemm huwa veru li dana l-awment, kif gara fil-perjodu in kwistjoni ; mhux dejjem ma jilhaqx iz-zieda li jkun hemm fil-valur lokatizju tal-proprjeta' minn meta l-fond kien inghata b'cens ; ghalhekk il-limitazzjonijiet imposti fuq l-attur ma ghandu (fid-dawl tal-fuq citat gurisprudenza) jigu kkunsidrati bhala xi restrizzjoni estrema ; id-disposizzjonijiet applikabbli ma jmorru kontra l-koncett ta' "kumpens xieraq" kif interpretat ; lanqas jidher li jmorru kontra s-salvagwardji tas-subinciz (1)B u C ta' l-imsemmi Artikolu.

Illi l-Qorti anqas tara li l-Att XIV tan-1992 imur kontra d-disposizzjonijiet relativi tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew ta' l-Att XIV tan-1987.

Illi b'riferenza ghall-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, jidher ghalhekk li f'kull kaz, id-disposizzjonijiet introdotti bl-imsemmija emendi tan-1979 ma jmorrux kontra dak ipprovdut fl-Artikolu 37 ta' l-istess Kostituzzjoni."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Minn din is-sentenza appella biss l-attur Nazzareno Galea. L-ewwel rimarka f'dan l-aggravju hi illi l-ewwel Qorti kkoncentrat l-ezami taghha fuq analizi tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja meta fil-fehma tieghu l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa ferm izjed rigidu u preciz minn dak li tirrikjedi l-Konvenzjoni Ewropeja. Ghalkemm iz-zewg artikoli qeghdin jitkellmu fuq l-istess materja identika, ma kienx ezatt li wiehed jghid illi huma kienu jixxiebhu u dana billi l-artikolu 37 jaghti protezzjoni ferm izjed ampja lis-sid minn dak li jaghti l-ewwel artikolu tal-ewwel Protokol. L-appellant jissottometti li l-emendi tal-1979 introducew tip jew modalita' gdida tal-mod kif il-

proprjeta’ tas-sid tista’ tittiehed mill-pussess tieghu u konsegwentement dan il-fatt determinanti kien jinkwadra ruhu ghal kollox taht id-dispost tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Artikolu li kien jezigi illi biex it-tehid tal-pussess obbligatarju jkun validu u rit kien jehtieg illi s-sid jinghata kumpens xieraq.

L-appellant jissottometti illi fil-kaz taht ezami, il-kwistjoni ma kienitx jekk il-kumpens kienx wiehed proporzjonat izda jekk kienx xieraq jew le. Fil-fehma tieghu dan il-kumpens, stabbilit skond il-parametri tal-ligi, ma kien bl-ebda mod proporzjonat ghall-valur reali tal-proprjeta’ li kienet qed tittehidlu. “In rejalta’jekk wiehed ihares lejn ir-relazzjoni tal-perit (nominat mill-Qorti) in materja jara li l-kumpens dovut ghat-tehid tal-pussess ta’ din il-proprjeta’ bhala valur lokatizzju tal-poprjeta’ fis-suq kien ferm superjuri ghall-kumpens li l-ligi taghtih. Konsegwentement tali kumpens ma setax jitqies li kien “xieraq” fit-termini tal-Kostituzzjoni. Stabbilit dan ma kienx mehtieg ghall-Qorti illi tinoltra ruhha f’dibattitu dwar l-interpretazzjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u tal-kwistjoni tal-proporzjonalita’ u tal-margin of appreciation moghti taht dak l-ewwel artikolu tal-Protokol lill-istati membri tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Din il-Qorti taqbel mal-appellant illi f’termini ta’ riferenza lilha maghmula mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tispecifika l-aggravju tal-appellant, f’termini citati exprissis, li “l-Att XXIII tal-1979 in kwantu jolqot il-

posizzjoni tieghu kien null u jmur kontra dak li hemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta". Kienet allura ghal kollox korretta s-sottomissjoni illi l-konsiderazzjoni tal-Qorti kellha tigi strettament arginata fil-parametri ta' din ir-riferenza. Hi effettivament ma kienitx tinvolvi d-determinazzjoni tal-fatti mertu tal-kawza bejn il-kontendenti Nazzareno Galea u Giuseppe Briffa imma kienet limitata ghall-verifika tal-kompatibbilita' kostituzzjonali tal-Att legislattiv impunjat in kwantu dan jiggverna r-relazzjoni guridici bejn l-istess kontendenti li taw lok ghall-kawza bejniethom, illum pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Din il-Qorti allura taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ewwel artikolu tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja kienet strettament extra petita 'il ghaliex ma kienitx tinkwadra ruhha fit-termini ta' riferenza. Dana multo magis meta wiehed iqis li tali riferenza kienet saret <u>wara</u> li gie fis-sehh l-Att XIV 7 tal-1987 li kkanonizza bhala parti integrali fid-dritt ordinarju Malti anke l-ewwel artikolu tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja. Una volta l-appellant allura ma deherlux li kellu jinvoka dak l-artikolu hu ma kienx qieghed jilmenta minn lezjoni tieghu. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddelibera u tiddeciedu dwaru.

Dan naturalment ma jfissirx,

(a) Li din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant illi l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti fuq dan l-aspett tal-vertenza kienet erroneja u minghajr fondament. Ifisser biss li din il-Qorti ser tiskarta dak il-gudizzju u tastjeni milli hi stess taghti l-fehma taghha ; u

(b) li r-rilessjonijiet kollha li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward ta' dak l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol kienu ghal kollox irrilevanti. Ghall-kuntrarju l-esercizzju interpretattiv tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u r-riferenzi li saru ghall-gurisprudenza Ewropeja in materja huma utili u jghinu fl-interpretazzjoni tat-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Infatti l-protezzjoni li l-appellant qieghed jinvoka mill-privazzjoni tal-proprjeta' tieghu hi dik lilu estiza mis-subinciz 1 tal-artikolu 37 li jipprovdi li ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun, m'ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pusses jew akkwist "(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq". Ghandu jigi sottolinejat illi l-appellanti qeghdin jibbazaw l-aggravju taghhom principalment fuq il-kwistjoni jekk "il-kumpens li qed jinghata hux wiehed xieraq jew le." Qieghed allura jipprezumi illi d-disposizzjonijiet tal-att XXIII tan-1970 in kwantu jolqtu l-posizzjoni tieghu kienu jimportaw <u>it-tehid tal-proprjeta'</u> tieghu fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ; u (b) illi stabbilit dan il-<u>kumpens offert</u> ghal tali tehid ma kienx wiehed xieraq.

Ghandu pero' jigi pprecizat illi r-rifereza hi fis-sens li din il-Qorti tiddikjara n-nullita' ta' dak l-att in kwantu jolqot il-posizzjoni tieghu cioe' tal-appellant ghax mhux konformi mal-Kostituzzjoni. Dikjarazzjoni ta' nullita' li, jekk tirrizulta, tiddefinixxi l-mertu "erge omnes" b'effett li jestendi ghal kull min ikun soggett ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Att taht ezami. Dan ifisser fis-sustanza illi dak illi qed jintalab mill-Qorti hu dikjarazzjoni illi l-legislatur ma kellux dritt jillegifera b'mod illi c-censwalist jinghata l-jedd li jibqa' jokkupa l-fond lilu koncess in enfitewsi temporanja wara li jiskadi l-perjodu tal-istess koncessjoni b'mod li allura d-direttarju – f'dan il-kaz l-appellanti – jigi priv mid-dritt li kellu qabel li jirriprendi l-pussess materjali tal-fond appena tavvera ruhha fic-cirkostanza tal-gheluq tat-terminu. Inoltre l-appellant jissottometti wkoll illi, anke jekk jigi ritenut illi dak il-provvediment tal-ligi kien konformi mal-Kostituzzjoni, il-kumpens li l-istess ligi tiddegreta "ghat-tehid tal-pussess tal-proprjeta' de quo" – ekwivalenti fil-fehma tal-appellant ghall-fatt li d-direttarju jkun priv mid-dritt li jirriprendi l-pussess tal-fond fit-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika – "ma kienx adegwat u bl-ebda mod ma kien jirrifletti l-valur fis-suq tal-istess proprjeta'". Konsegwentement il-ligi ma kienitx tipprovdi ghall-kumpens "xieraq" u allura kienet in vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Dawn il-premessi jwasslu lil din il-Qorti ghas-segwenti riflessjonijiet :-

1. Il-provvedimenti tal-Att XXIII tal-1970 li jipprovdu illi l-enfitewta jkollu l-jedd illi jkompli jirrisjedi fil-fond lilu koncess in enfitewsi temporanja wara li jiskadi t-terminu tal-koncessjoni u dana b'titolu ta' kera, certament ma jistghux jigu kwalifikati bhala mizura ta' espropjazzjoni legali jew de facto tal-proprjeta' tal-appellant da parti l-Istat. Il-proprjeta' tibqa', kif kienet, f'idejn l-appellant u ma gie bl-ebda mod mittiefes l-ordinament guridiku in kwantu dan kien jipprovdi ghall-konsolidament tal-utili dominju mad-dirett dominju. Xorta allura t-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika il-proprjeta' kollha giet konsolidata fil-persuna tad-direttarju. Il-fatt illi l-ligi taht ezami kienet tipprospetta, fil-prattika, l-konverzjoni forzata u ex lege tat-titolu ta' enfitewsi f'wiehed ta' kera bil-konsegwenza illi min kien qieghed jokkupa d-dar bhala r-residenza ordinarja tieghu kien qed jinghata d-dritt li jkompli jirrisjedi fiha anke kontra l-volonta' tad-direttarju kontra l-korrispettiv ta' kera stabbilit bl-istess ligi seta' titqies biss li kienet limitazzjoni fuq it-tgawdija tal-istess proprjeta' mis-sid. Limitazzjoni tat-tgawdija li kienet indubbjament l-effett dirett ta' att legislattiv li kien sindakabbli minn din il-Qorti ghar-rigward tal-konformita' Kostituzzjonali tieghu.

2. Jibqa' pero' l-problema jekk din il-limitazzjon statutorja fir-rigward tat-tgawdija tal-proprjeta' setghetx tigi ekwiparata mat-tehid ta' pussess taghha b'mod obbligatarju ghaliex hi din l-ahhar figura guridika illi tattira l-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' bla kumpens ai termini tal-

artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Utili din l-osservazzjoni li ghamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fil-kawza bl-ismijiet "Onorevoli Perit Duminku Mintoff et vs Onorevoli Prim'Ministru" deciza finalment minn dina l-Qorti fit-30 ta' April 1996 (Vol. LXXX.i.206). "Issa l-gurisprudenza rriteniet illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux biss hu applikabbli fil-kaz ovvju ta' espropprazzjoni formali imma wkoll fil-kaz ta' mizuri ohra li jikkwalifikaw bhala espropprazzjoni de facto li jiddiminwixxu l-attribwuti tal-proprjeta' tal-individwu. Mizuri li pero' jkunu ttiehdu jew li jkunu saru b'xi sahha ta' xi ligi. Dawn jinkludu espropprazzjoni b'titolu ta' *use and possession* jew fuq *public tenure* u l-poter ta' rekwisizzjoni ta' proprjeta' (Ferro vs Housing Secretary, Qorti Kostituzzjonali 21 ta' Frar 77; Catherine Mercieca et vs Commissioner of Lands, Qorti tal-Appell 5 ta' April 1999; Joseph Camilleri vs Minister of Justice et, Qorti Kostituzzjonali 13 ta' Frar 1976 u wkoll William Tanti Bellotti vs Joseph A. Gasan et nomine, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1995).

Il-Kostituzzjoni titkellem minn <u>tehid</u> ta' pussess forzat b'mod obbligatorju. Dicitura li, wehidha, minghajr riferenza ghad-dritt ta' pacifika fih innifsu donnu timplika li biex tigi estiza l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni jehtieg li jkun hemm privazzjoni ta' proprjeta' u li din tkun effett dirett ta' xi att tal-Istat u mhux bizzejjed li jkun hemm privazzjoni tad-dritt tat-tgawdija pacifika bhala rifless ta' tali att". Fl-istess sentenza jinghad hekk ukoll "Il-Kostituzzjoni ta' Malta ghandha approce divers

ghad-dritt tal-proprjeta'. Fl-artikolu 32 hi telenka fost id-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tal-individwu "it-tgawdija ta' proprjeta'". Dan id-dritt fondamentali li l-individwi kollha b'mod indiskriminat ghandhom igawdu l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni pero' hu soggett "ghar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet tal-ohrajn u tal-interess pubbliku." Dan l-artikolu hu pero' wiehed dikjaratorju u jidher li t-twettieq tieghu fir-rigward tad-dritt ta' proprjeta' hu limitat ghall-applikazzjoni tal-artikolu 37 fuq citat li l-vjolazzjoni tieghu taghti lok ghar-rimedju kostituzzjonali. Jidher ghalhekk li kontrarjament ghad-dikjarazzjoni tal-principju, fl-ewwel sentenza tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, (Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions), l-artikolu 32 li jiddikjara d-dritt ghall-proprejta' b'mod generali ma hux "ut sic" enforzabbli f'xi Qorti. Infatti s-subinciz 1 tal-artikolu 46 jipprovdi illi jaghti biss lok ghar-rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jista' biss jintalab rimedju ghalihom il-kazijiet ta' vjolazzjonijiet taht l-artikoli 33 sa 45. Dan ifisser illi biex ir-rikorrenti jkollhom success fis-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, huma jridu sodisfacentement jippruvaw illi l-fatti kif provati ……… jinkwadraw ruhhom fl-estremi tas-subinciz 1 tal-artikolu 37 …….".

3. Jista' allura b'logika jigi arguwit illi l-artikolu 37 jitkellem car u tond fuq cahda tal-proprjeta' jew id-dritt fuqha minghajr kumpens xieraq. Ifisser dan li ghandek vjolazzjoni jekk ghandek privazzjoni totali tal-

proprjeta' jew xi jedd fuqha minghajr l-ebda kumpens jew ahjar minghajr kumpens li ma jkunx xieraq. Din il-konkluzjoni hi wkoll suffragata mill-kumplament tal-artikolu 37 li proprju jipprovdi li dan il-kumpens kellu jigi stabbilit mil-ligi u li l-kwantifikazzjoni tieghu kellha tkun soggetta ghall-iskrutinju ta' Qorti b'kompetenza li tinvesti tali mertu biex tassigura l-gustizzja tal-kumpens. Hi allura l-fehma ta' din il-Qorti illi fil-kaz taht ezami ma jokkorrux l-estremi tal-ewwel paragrafu tal-atikolu 37 in kwantu kif fuq elaborat hawn non si tratta ta' tehid ta' proprjeta' jew ta' jedd fuqha taht xi forma jew ohra izda ta' limitazzjoni tal-uzu tal-istess proprjeta. Limitazzjoni li tista' tkun koperta bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni imma li ma jidhirx li tista' tigi inkwadrata fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-appell tar-rikorrent allura, anke jekk biss fuq din il-bazi ma setax jigi akkolt.

4. Mill-banda l-ohra hu konsidrat ukoll illi, anke li kieku kellu b'xi ezercizzju interpretattiv fil-fehma ta' din il-Qorti mhux konsentit, jigi accettat illi l-artikolu 37 kien japplika wkoll fejn id-disposizzjoni legislattiva impunjata kienet testendi <u>biss</u> ghal-limitazzjoni fl-uzu tal-proprjeta', kif certament hu l-kaz taht ezami, u li allura t-termini ta' dan artikolu tal-Kostituzzjoni kienu wiesghin f'dan ir-rigward daqs dawk tal-artikolu protokollari, xorta l-appell tar-rikorrent kien ifalli. "The Commission notes that the legislation does not remove the applicant's interest or title in the property but that it restricts the applicant's use or

the property since the occupiers have acquired the right to remain in possession. The Commission finds that this restriction amounts to a control of use of property within the meaning of the second paragraph of the provision (tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol). The Commission has therefore examined whether the control is lawful in accordance with the general interest and pursues a legitimate aim in a proportionate manner (Euro Court R. Tre Traktorer AB Judgement of 7th July 1989 Sevious A no. 159 pgs 22-24 paras 56/63) …… The Commission recalls the case law of the Commission and Court, which recognizes that state intervention in socio-economic matters such as housing is often necessary in securing social justice and public benefit. In this area the margin of appreciation available to a legislature in implementing social and economic policies is necessarily a wide one, both with regard to the existence of a problem of public concern warranting a measure of control and as to the choice of the rules for the implementation of such measures". (Twanny Zammit and others vs Malta deciza mill-Kummissjoni tal-Qorti Ewropeja fit-12 ta' Jannar 1991).

5. Una volta din il-Qorti waslet ghall-konvinciment illi l-kaz taht ezami hu wiehed ta' privazzjoni tat-tgawdija u mhux ta' tehid tal-proprjeta' u konsegwentement ma jaqghax fl-orbita ta' 37, mhux il-kaz li tinvestiga oltre jekk il-kumpens mil-ligi stabbilit ghal dik il-"privazzjoni tat-tgawdija" kienx wiehed xieraq. Esercizzju li kien ikun konsentit li l-

Qorti taghmel taht l-artikolu protokollari anke jekk dak l-artikolu, ghall-kuntrarju tal-artikolu konvenzjonali, ma kienx jaghti dritt assolut ghall-hlas ta' kumpens. "Article 1 does not give an absolute right to claim compensation but to hold that property could be taken without compensation in absence of any consideration, justifying such a cause in the public interest, would undermine the protection afforded than article 1 (James and others A 98 (1986), Lithgrow and others A 102 (1986)) ……. The obligation to pay compensation may derive through an implicit condition in article 1 read as a whole rather than from the "public interest" requirement. A claim that the compensation paid is unfair should therefore not be related to that requirement, nor to the phrase "subject to the conditions provided for by law" which requires in the first place the existence of and compliance with adequately accessible and sufficiently precise domestic legal provisions (provvedimenti dawn illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni certament jipprovdi).

In the James and Litgo cases, both the Commissioners caught and opted the view that the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value would normally constitute a disproportionate interference. The legitimate objectives of "public interest" such as persued in measures of economic reforms or measures designed to achieve a greater social justice may however call for less than reimbursement of the full market value and also here

the Court emphasized that its power is limited to ascertaining whether the choice of compensation terms falls outside the state's margin of appreciation in this domain. (Theory and Practice of the European Convention of Human Rights – Van Dyck and Van Hoof second edition pages 455 et sec)." Dan l-insenjament jitracca biss il-principji involuti li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ma jehtigilhiex tespandi fuqhom. Tinnota biss ghall-kompletezza illi t-terminu "xieraq" tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma kellux allura jittiehed semplicement fuq il-kejl ta' "valur rejli tal-proprjeta'" imma bl-applikazzjoni tal-kriterji u principji enuncjati f'dan l-insenjament. Del resto il-valur "rejali" tal-proprjeta' m'huwa xejn hlief dak ir-rikavat ekonomiku li jista' jittiehed mill-izvilupp taghha skond il-ligi. F'socjeta' fejn kull operazzjoni li tinvolvi l-proprjeta' immobiljarji hi strettament kontrollata mil-ligi maghmula fl-interess komuni ma jaghmel l-ebda sens li wiehed jitkellem fuq il-valur kummercjali taghha fis-suq hieles b'mod ghal kollox miftum mir-restrizzjonijiet fuqha mposti mil-ligijiet u r-regolamenti fir-rigward tal-izvilupp taghha m'ghamulin ghal gid komuni u ghat-tqassim gust tal-gid.

6. Fl-aggravju tieghu r-rikorrent jaghmel tentattiv nofs qalb biex jikkontesta l-validita' kostituzzjonali tal-Att XXIII tal-1970 anke fuq il-kawzali illi dan kien inikwu in kwantu jimponi piz eccessiv fuq il-privat ghall-gid komuni fis-sens illi l-Istat kien qieghed jutilizza l-proprjeta' privata biex jassigura servizz socjali ghall-komunita'. Il-Qorti tifhem pero' illi l-aggravju principali, tista' tghid uniku tal-appellant kien dwar l-

inadegwetezza tal-kumpens li dik il-ligi taghti. L-appellant ma jaghmel l-ebda kaz konvincenti biex jinnewtralizza l-opportunita' socjali tal-provvediment ta' ligi li ovvvjament kien wiehed ta' applikazzjoni generali tenut kont tac-cirkostanzi partikolari li kienu zvilluppaw fil-pajjiz fir-rigward tal-ghoti tad-djar residenzjali b'titolu ta' cens temporanju u tal-fatt illi hafna minn dawn il-koncessjonijiet kienu ser jghalqu kontemporanjament. Zgur allura li kien hemm ragunijiet ekonomici u socjali gravi li jiggustifikaw l-intervent tal-Istat. Mill-banda l-ohra mhux il-kaz li l-Qorti tiddelibera fuq l-adegwatezza ta' dan il-kumpens billi, kif inghad, il-fatti in kawza ma jinkwadrawx ruhhom fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni anke jekk sewwa jinghad f'dan ir-rigward tal-kumpens xieraq l-Istat kellu "margin of appreciation" notevoli.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata. L-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif gja' minn dik il-Qorti decizi. L-ispejjez ta' dan l-appell kellhom ikunu a karigu tal-appellant. L-atti qed jigu rimessi lill-Onorabbli Qorti tal-Appell ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

mg